MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Numru. 661/2014

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Spiridione Zammit u Robert Vella)**

**vs**

**James Azzopardi u Jurgen Gatt**

**Illum : -**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputati James Azzopardi ta' 25 sena bin Raymond u Josephine xebba Sammut mwieled il-Pieta' nhar it-13 ta' Marzu, 1989 u residenti 144, Sunset, Triq il-Helsien, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 132889(M) u Jurgen Gatt ta' 22 sena, iben Consiglio u Marlene xebba Grech, imwieled il-Pieta' nhar it-13 ta' April, 1992 u jirrisjedi f'94, 'Duluri", Vjal il-Helsien, Ħaż-Żebbug, Malta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 234692(M) u li ġew mixlija talli nhar it-23 ta' April, 2014 għall-ħabta ta' xi 3.30 ta' filgħodu ġewwa dawn il-Gzejjer -

1. ikkommettew serq ta' vettura tal-għamla Morris bin-numru tar-reġistrazzjoni LAG-103 (ggarraxxjati) għad-dannu ta' Andrew Cilia u jew ta' persuna jew persuni oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi elfejn tliet mija w disgħa w għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37), bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 279 u 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

2. talli laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indaħħlu biex ibiegħawhom jew imexxuhom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lil James Azzopardi:-

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-għamla Morris bin-numru ta' reġistrazzjoni LAG-103 (ggarraxxjati) mingħajr ma' kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskji għal terzi persuni, bi ksur tal-Art. 3 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lil Jurgen Gatt:-

4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Artiklu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta li ġew imposti fuqu b'sentenza mogħtija fl-14 ta' Novembru, 2014 mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Mag. Dr. A. Micallef Trigona LL.D);

Il-Qorti ġiet mitluba li f'kaz ta' ħtija tqis lill-imputat James Azzopardi bħala li sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba illi f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-imputat James Azzopardi milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal dak it-tul ta' żmien li jidhrilha xieraq.

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tat-18 ta' Lulju 2014 l-Uffiċjali Prosekuturi ikkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputati, debitament assistiti stqarru li ma kienux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Rat li matul is-seduta tal-24 ta' Lulju 2014 il-Qorti semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur jiddikjara li t-tieni imputazzjoni kienet qed tiġi kontestata bħala alternattiva għall-ewwel waħda, kif ukoll li f'dan il-każ, fil-każ ta' ammissjoni ta' ħtija da parti tal-imputati, l-Prosekuzzjoni ma kienetx ser tinsisti għal piena karċerarja effettiva.

Il-Qorti rat li matul l-istess udjenza, l-imputati, debitament assistiti, separatament tennew li huma ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom b'dan li t-tieni imputazzjoni kienet qed tiġi kontestata bħala alternattiva għall-ewwel waħda.

Il-Qorti wissiet lill-imputati separatament u individwalment bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħhom inkluż fis-sens illi għar-reati li ammettew għalihom tista' tingħata piena ta' priġunerija jew pieni alternattivi u wara li tagħthom ftit taż-żmien sabiex jiddeċiedu jekk hux ser jerġgħu lura minnha, l-imputati separatament u individwalment wieġbu li huma ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom b'dan li t-tieni imputazzjoni kienet qed tiġi kontestata bħala alternattiva għall-ewwel waħda.

Fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputati li saret fil-parametri tal-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti wara li kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom skont kif intqal aktar il-fuq;

Fliet ix-xiehda prodotta u rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputati u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Rat id-digriet tagħha fejn hija kienet ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport dwar l-imputati ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ir-rapporti tad-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole kif ukoll il-kjarifiki mitluba minnhom minn din il-Qorti sussegwentement;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi mix-xiehda tal-Uffiċjali tal-Probation jirriżulta li l-imputati, jikkwalifikaw sabiex jipprestaw xogħol fil-komunita'. Din il-Qorti tqis li wasal iż-żmien issa li l-imputati jirrealizzaw li għal egħmilhom li jikser il-Liġi hemm konsegwenzi li jridu jaffrontawhom.

Din il-Qorti hija propensa li, fid-dawl tar-relazzjonijiet tal-Uffiċjali tal-Probation, ma timponix piena karċerarja kontra tal-imputati. Biss l-imputati qed jiġu severament imwissija li din il-benevolenza tal-Qorti

qed issir biss biex jimxu l-quddiem f'ħajjitthom bit-tama li jimxu fit-triq tas-sewwa, il-bogħod minn klikek u attivitajiet li ma jagħmlulhomx ġid. Jistgħu iserħu rashom li l-Qrati mhux ser jibqgħu jagħtuhom ordnijiet ta' probation għal dejjem jew servizz fil-komunita għal dejjem. Jekk ma joqgħodux l-ordnijiet li din il-Qorti ser timponi, jew jekk ikomplu jiddelinkwu, għandhom garanzija li għada pitgħada, sentenza ta' priġunerija twila ma jeħlisielhom ħadd. L-għażla x'jagħmlu b'ħajjithom hija kompletament f'idejhom. Il-Qrati tawhom iċ-ċans. Spetta lilhom issa jikbru u jaġixxu ta' persuni ċivili u osservanti tal-Liġijiet tal-pajjiż, b'rispett lejn il-persuni l-oħra li jgħixu f'din l-art. U bħal ma żgur li ma jridux lil min jisirqilhom ħwejjiġhom hekk ukoll għandhom jirrispettaw ħwejjeġ ħaddieħor u jħallu lil ħaddieħor igawdi ħwejġu.

## ***<u>Deċide</u>***

li wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 270, 271(g), 279(b), 280(1), 334(a) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tal-Artikoli 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 3(1)(2)(a)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta : -

(a) fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur li t-tieni imputazzjoni ġiet kontestata lill-imputati bħala alternattiva għall-

ewwel imputazzjoni, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;

(b) issib lill-imputat James Azzopardi, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-ewwel imputazzjoni u tat-tielet imputazzjoni filwaqt li għal fini ta' dan il-każ qegħdha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha billi mhix qegħda titratta mal-ħati bħala li huwa reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah :

i : kwantu għall-ewwel imputazzjoni, bit-tama li verament l-imputat jimxi fit-triq tas-sewwa u barra mill-Ħabs, u peress li hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, nonche tan-natura tar-reati kif ukoll tal-karattru tal-ħati jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-soċjeta u tal-imputat li flimkien mad-dispost tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħati jitqiegħed ukoll taħt ordni imsemmi fl-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati James Azzopardi taħt ordni ta' probation u servizz, fis-sens illi : -

1. tpoggi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet snin millum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess James Azzopardi jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma

soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha; u

2. tqiegħed lill-istess James Azzopardi taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-James Azzopardi bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-

Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' James Azzopardi.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmi James Azzopardi kull sitt (6) xhur.

(a) ii. Kwantu għat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu tikkundanna lil James Azzopardi għall-multa fl-ammont ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2400) li ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista tiġi imħalsa permezz ta' rati mensili ta' mitt euro (€100) bl-ewwel pagament isir fl-ewwel jum tax-xahar ta' Lulju 2015 u hekk kull ewwel tax-xahar suċċessiv ininterrottament u fil-każ li l-ħati jonqos li jħallas imqar pagament wieħed, huwa jitlef il-benefiċċju taż-żmien akkordat lilu u l-bilanċ kollu jiġi dovut minnufih u jekk ma jitħallasx immedjatament jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata statutorja pro tempore; inoltre wara li rat it-talba tal-prosekuzzjoni u wara li rat l-Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li James Azzopardi jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati.

(c) issib lill-imputat Jurgen Gatt, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-ewwel imputazzjoni u għal fini ta' dan il-każ wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u mhix tittratta kontra l-imputat Jurgen Gatt

għall-ksur tal-ordni mogħtija taħt l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tħalli l-effetti tal-istess ordni impreġudikati, iżda bit-tama li verament l-imputat jimxi fit-triq tas-sewwa u barra mill-Ħabs, u peress li hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, nonche tan-natura tar-reati kif ukoll tal-karattru tal-ħati jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ikun fl-aqwa interess tas-soċjeta u tal-imputat li flimkien mad-dispost tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħati jitqiegħed ukoll taħt ordni imsemmi fl-Artikolu 11 tal-istess Kapitolu, wara li rat, u a tenur tal-Artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati Jurgen Gatt taħt ordni ta' probation u servizz, fis-sens illi : -

1. tpoggi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet snin millum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Jurgen Gatt jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha; u
2. tqiegħed lill-istess Jurgen Gatt taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-

kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikoli 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-Jurgen Gatt bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Jurgen Gatt.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmi Jurgen Gatt kull sitt (6) xhur.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħatja James Azzopardi u lil Jurgen Gatt solidalment bejniethom sabiex iħalsu s-somma ta' elfejn u sitt mitt euro (€2600) bħala kumpens għall-ħsara sofferta mid-derubati.

Oltre minn hekk wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħatja solidalment bejniethom għall-ħlas tal-ispejjeż kollha inkorsi u li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti u periti f'dawn il-proċeduri u fl-istadju tal-inkjesta maġisterjali eżibita fl-atti fl-ammont ta' mhux anqas minn elf tminn mija wieħed u erbgħin euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€1841.67) u dan fi żmien sena millum.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-atti jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol skont il-Liġi.

***20 v 2015***

***Qrati tal-Ġustizzja,***

***Valletta.***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------